MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 372/2009

**Avviz numru 372/09 VG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**
**Vs**

**Christopher Vella Petroni u Carolina Bianco**

**Il-Qorti**

Rat l-Avviz mill-bank attur permezz ta' liema jitlob li l-konvenuti jigu ikkundannati jhallsu s-somma komplessiva ta'erbat elef tliet mija u tlieta u sittin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,363.84) u cioe' kwantu ghal tliet elef seba' mija tmienja u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3,738.75) rapprezentanti kapital mghoddi u misluf lill-konvenuti u kwantu ghal sitt mija hamsa u ghoxrin Ewro u disgha centezmi (€625.09) rapprezentanti interessi gja nkorsi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sat-22 ta' Lulju 2009 dovuti fuq il-kont bin-numru 061-153094-340 gja bin-numri 061-153094001 u 611018207 mal-fergha tal-bank attur tal-Mosta u dan kif jirrizulta mill-kopja

tas-*sanction letter* annessa mal-avviz oltre imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mit-23 ta’ Lulju 2009 bir-rata ta’ tmienja (8%) fil-mija sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez u bl-imghax bi tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati u ma ikkontestawx il-kawza fit-terminu prefiss mill-Ligi.

Rat l-atti tal-kawza, u senjatamet in-Nota ta’ Ammissjoniipprezentata fir-Registru tal-Qrati Inferjuri mill-konvenut fl-24 ta’ Frar 2010 permezz ta’ liema ammetta t-talbiet attrici kif dedotti u rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenuta waqt is-seduta tas-27 ta’ Novembru 2009, fejn minn naha taghha wkoll gew ammessi t-talbiet attrici.

Semghet lill-P.L. Catherine Fenech li ghall-Bank attur ikkonfermat il-kreditu tal-Bank fil-konfront tal-konvenuti.

Ghaldaqstant peress li t-talba tal-bank attur tirrizulta ammessa mill-konvenuti kif premess, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma ta’ erbat elef tliet mija u tlieta u sittin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,363.84) bl-imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mit-23 ta’ Lulju 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------